



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2013/0105(COD)

16.10.2013

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996, li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali

(COM(2013)0195– C7-0102/2013 – 2013/0105(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Jörg Leichtfried

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996, li tistabilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (COM(2013)0195– C7-0102/2013 – 2013/0105(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0195),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0102/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2013¹,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0000/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) F'dan il-qafas, il-White Paper tipprevedi li tadatta d-Direttiva 96/53/KE tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1996 li tiffissa,

Emenda

(2) F'dan il-qafas, il-White Paper tipprevedi li tadatta d-Direttiva 96/53/KE tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1996 li tiffissa,

¹ ĠU C ... /Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi
ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi
awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u
internazzjonali u l-piżijiet massimi
awtorizzati fit-traffiku internazzjonali,
sabiex tnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-
emissjonijiet tal-gass serra, b'mod li tadatta
l-liġi għall-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u
għall-bżonnijiet ġodda tas-suq, u sabiex
tiffaċilita t-trasport *intermodali*.

għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi
ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi
awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u
internazzjonali u l-piżijiet massimi
awtorizzati fit-traffiku internazzjonali,
sabiex tnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-
emissjonijiet tal-gass serra, b'mod li tadatta
l-liġi għall-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u
għall-bżonnijiet ġodda tas-suq, u sabiex
tiffaċilita t-trasport *kombinat*.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu
l-possibbiltà li jizjed tagħmir
ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa
jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar
trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul
massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE.
L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir
immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din
id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma
disponibbli fis-suq u diġà jintużaw
f'kontinenti oħrajn.

Emenda

(3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu
l-possibbiltà li jizjed tagħmir
ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa
jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar
trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul
massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE.
L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir
immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din
id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma
disponibbli fis-suq u diġà jintużaw
f'kontinenti oħrajn. ***Għandha tiġi żgurata
l-kompatibbiltà tat-tagħmir ajrudinamiku
mat-trasport kombinat.***

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza

Emenda

(5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza

tat-triq 2011-2020⁷, il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjeb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità⁸, enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi jonqos il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida se tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq.

⁷ COM(2010) 389

⁸ COM (2012) 258

tat-triq 2011-2020⁷, il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjeb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità⁸, enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi jonqos il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. ***Il-forma ġdida tal-kabini għandha għalhekk, wara perjodu tranżitorju adattat, issir obbligatorja.*** Din il-forma l-ġdida se tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq.

⁷ COM(2010) 389

⁸ COM (2012) 258

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Il-White Paper tipprevedi li 30 % tat-trasport tal-merkanzija fuq it-triq fuq aktar minn 300 km għandu jaqleb għal mezz oħra bħall-ferrovija jew it-trasport fuq l-ilma sal-2030, u aktar minn 50 % sal-2050, iffaċilitat minn kurituri

effiċjenti u tat-trasport ekoloġiku tal-merkanzija. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, jeħtieġ ukoll li tiġi żviluppata infrastruttura adattata. Dan l-għan ġie approvat mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport - Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti¹.

¹ ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 72.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.

Emenda

(7) Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni leali fit-trasport internazzjonali, huwa neċessarju li jkun hemm standards komuni fuq id-dimensjonijiet tal-vetturi għall-attivitajiet tat-trasport internazzjonali. Kwalunkwe eżenzjoni minn dawn l-istandards komuni għandha tkun eċċezzjonali u limitata għal attivitajiet tat-trasport nazzjonali. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom b'għanijiet imsemmija fil-White Paper. Id-drittijiet tal-Istati Membri mnaqqxa fl-Atti ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu rispettati.

Emenda 6**Proposta għal direttiva
Premessa 8***Test propost mill-Kummissjoni*

(8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma baqgħux jużaw biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma jkunux iniġġsu jew iniġġsu anqas, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi.

Emenda

(8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma baqgħux jużaw biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma jkunux iniġġsu jew iniġġsu anqas, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. ***Il-prinċipju ta' newtralità teknoloġika għandu jinżamm.***

Emenda 7**Proposta għal direttiva
Premessa 9***Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed jadatta għall-evoluzzjonijiet tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn il-kontenituri jkollhom irkejjien maqtuġhin

Emenda

(9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed jadatta għall-evoluzzjonijiet tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn il-kontenituri jkollhom irkejjien maqtuġhin

iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. **Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali**, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx **it-300** km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fiż-żmara jew parti marittima. **Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trasbord jew port fiż-żmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.**

iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. **Din iż-żieda, madankollu, għandha tkun awtorizzata biss għat-trasport kombinat**, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx **il-150** km **f'kull tarf** għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fiż-żmara jew parti marittima.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Sabiex tissokta l-promozzjoni tat-trasport **intermodali** u sabiex jiġi kkunsidrat il-piż ta' kontejners vojta ta' 45 pied, jeħtieġ li tiġi estiża d-dispożizzjoni li tawtorizza ċ-ċirkulazzjoni ta' vetturi b'5 sa 6 fusijiet b'piż ta' 44 tunnellata li jittrasportaw, fi trasport **intermodali**, kontejners ta' 40 pied għal dawk li jittrasportaw kontejners ta' 45 pied.

Emenda

(10) Sabiex tissokta l-promozzjoni tat-trasport **kombinat** u sabiex jiġi kkunsidrat il-piż ta' kontejners vojta ta' 45 pied, jeħtieġ li tiġi estiża d-dispożizzjoni li tawtorizza ċ-ċirkulazzjoni ta' vetturi b'5 sa 6 fusijiet b'piż ta' 44 tunnellata li jittrasportaw, fi trasport **kombinat**, kontejners ta' 40 pied għal dawk li jittrasportaw kontejners ta' 45 pied.

Emenda 9**Proposta għal direttiva****Premessa 13***Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. **Ċertu** tagħmir **jista'** jittella' abbord piżijiet tqal u jipprovdi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis-sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. Fil-preselezzjoni, limitu minimu ta' piż ta' 2000 vetturi-kilometru jggarantixxi l-effikaċja tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni, għaliex jippermetti l-kontroll ta' kull vettura permezz ta' medja statistika kull tlett ijiem.

Emenda

(13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. **Tali** tagħmir **għandu** jittella' abbord piżijiet tqal u jipprovdi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis-sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. Fil-preselezzjoni, limitu minimu ta' piż ta' 2000 vetturi-kilometru jggarantixxi l-effikaċja tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni, għaliex jippermetti l-kontroll ta' kull vettura permezz ta' medja statistika kull tlett ijiem.

Emenda 10**Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – punt 1**

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 13

– **"vettura bi propulsjoni ibrida":** vettura skont it-tifsira tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi¹⁰, li jkollha mutur wieħed jew aktar ta' trazzjoni li jaħdem bl-elettriku u li mhuwiex imqabba b'mod permanenti man-netwerk jew ikollha mutur wieħed jew aktar ta' trazzjoni ta' kombustjoni interna;

imħassar

¹⁰ ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika, it-terminu usa' ta' "vettura li taħdem bi fjuwil alternattiv" minflok iddaħħal fit-terminu "vettura bi propulsjoni ibrida", li jidher aktar limitat.

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 14

– **"vettura elettrika":** vettura skont it-tifsira tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi¹¹, li jkollha mutur wieħed jew aktar ta' trazzjoni li

imħassar

jaħdem bl-elettriku u li mhuwiex imqabbad b'mod permanenti man-netwerk;

¹¹ ĠUL 263, 9.10.2007, p. 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Diġà inkluż fid-definizzjoni usa' ta' "vettura li taħdem bi fjuwil alternattiv".

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*– "fjuwils alternattivi" ifissru fjuwils li jipprovdu sostitut għas-sorsi taż-żejt fossili fil-provvista tal-enerġija lit-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.
Jinkludu:*

– l-elettriku,

– l-idroġenu,

– il-bijofjuwils kif imfissra fid-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹,

– il-fjuwils sintetiċi,

– il-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (gass naturali kkompressat – CNG) u f'forma likwifikata (gass naturali likwifikat – LNG),

– gass likwifikat miż-żejt (LPG), u

– sħana mitlufa.

¹ *Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-*

23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi mfissra "vettura bil-mutur alternattiva" b'mod newtrali u teknoloġiku, l-ewwel huwa utli li jiġi mfisser "fjuwil alternattiv". Tista' tkun bbażata fuq definizzjoni użata fil-Proposta tal-Kummissjoni dwar infrastruttura ta' fjuwils alternattivi (COM (2013)0012).

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 12b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– "vettura li taħdem bi fjuwil alternattiv" tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament jew parzjalment bi fjuwil alternattiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' "vettura bil-mutur alternattiva" għandha tirrispetta n-newtralità teknoloġika.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*– "unità **tat-trasport** intermodali" : unità li tista' tidħol fil-kategoriji li ġejjin:*

*– "unità **ta' tagħbija** intermodali" : unità li tista' tidħol fil-kategoriji li ġejjin:*

kontejner, kaxxa skambjabbli, semitrejlers;

kontejner, kaxxa skambjabbli, semitrejlers;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-terminu "unità ta' tagħbija intermodali" jintuża aktar fis-settur.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– "trasport kombinat" ifisser trasport ta' merkanzija meta t-trakk, trejler, semitrejler, b'unità ta' tratturi jew le, swap body jew kontejner jagħmel użu mit-triq fil-parti tal-bidu jew fil-parti finali tal-vjaġġ u, fuq xi parti oħra, jagħmel użu minn servizzi ta' ferrovija jew kanal tal-ilma intern jew marittimi meta din il-parti tkun aktar minn 100 km u jagħmlu l-parti inizjali jew il-parti finali tat-trasport bit-triq ta' dan il-vjaġġ:

– bejn il-punt ta' fejn il-merkanzija kienet mgħobbija u l-eqreb stazzjon tal-ferrovija għat-tagħbija adattat għall-parti tal-bidu, u bejn l-eqreb stazzjon tal-ferrovija adattat u l-punt ta' fejn il-merkanzija tinħatt għall-parti finali, jew

– f'raġġ li ma jeċċedix 150 km mill-port tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew il-port tal-baħar tat-tagħbija jew il-ħatt.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni eżistenti ta' "trasport kombinat" għandu jiġi użat fit-test kollu skont id-Direttiva 1992/106, minflok ma jiġi introdott it-terminu ġdid "trasport intermodali".

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – parti introduttorja

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2) *L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:*

2) *Fl-Artikolu 4(4), is-subparagrafu li ġej huwa miżjud wara t-tieni subparagrafu:*

"Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri stabbiliti fl-Atti ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu pprojbiti l-attivitajiet tat-trasport internazzjonali mwettqa minn vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fl-Anness I."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tar-regoli attwali, li ma kinux intiżi li jippermettu l-użu transfruntier tal-vetturi li jsegwu l-kunċett modulari. Iċ-ċirkolazzjoni transfrutiera tat-trakkijiet twal għandha potenzjal li tbiddel l-għanijiet politiċi ewlenin tal-Unjoni, kif inhu mniżżel fil-White Paper. Għalhekk, huwa neċessarju li l-ewwel issir valutazzjoni tal-impatt ta' dik iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera, inkluż l-impatt fuq il-bidla modali, is-sikurezza, il-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol, l-SMEs, il-loġistika, it-tniġġis tal-arja, l-istorbju, eċċ.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – punt a

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1– punti (a) u (b)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punti a) u b) tal-paragrafu 1.

imħassar

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – punt b (ġdid)

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – l-ewwel sentenza

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tinbidel bis-sentenza li ġejja:

imħassar

"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):"

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 2 – parti intradutturja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*– f'termini ta' sikurezza tat-triq u ta' sikurezza tat-trasport **intermodali**, b'mod partikolari:*

*– f'termini ta' sikurezza tat-triq u ta' sikurezza tat-trasport **kombinat**, b'mod partikolari:*

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 - paragrafu 2 - inċiż 2 – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iva) it-tagħmir ma jistax jaqbeż it-tul ta' aktar minn 500 millimetru stabbilit f'punt 1.1 tal-Anness I.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi pprovduta ċ-ċertezza regolatorja, wieħed għandu jiddependi fuq dak li diġà hemm ftehim dwaru fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni 1230/2012 (500mm) u billi daħal fis-seħħ riċentement.

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 3 – punt (ii)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) għat-trejlers u semitrejlers ikkonċernati, id-dħul fl-unitajiet ferrovjarji, marittimi u tax-xmajjar matul ***l-operazzjonijiet*** tat-trasport ***intermodali***,

(ii) għat-trejlers u semitrejlers ikkonċernati, id-dħul fl-unitajiet ferrovjarji, marittimi u tax-xmajjar matul ***l-attivitajiet*** tat-trasport ***kombinati***,

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-qbiż tat-tul massimu ma jwassalx għal żieda fil-kapaċità tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi.

Emenda

Il-qbiż tat-tul massimu ma jwassalx għal żieda fil-kapaċità **ta' tagħbija** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, it-tagħmir ajrudinamiku miżjud u l-istallazzjoni tiegħu fuq il-vetturi jridu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri **li, għal dan il-għan**, jagħtu ċertifikat. **Dan** jiċċertifika r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq u jindika li t-tagħmir jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjonijiet ajrudinamiċi. Iċ-ċertifikati tal-awtorizzazzjoni mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn.

Emenda

3. Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, it-tagħmir ajrudinamiku miżjud u l-istallazzjoni tiegħu fuq il-vetturi jridu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri **fil-qafas tad-Direttiva 2007/46/KE. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom** jagħtu ċertifikat **li** jiċċertifika r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq u jindika li t-tagħmir jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjonijiet ajrudinamiċi. Iċ-ċertifikati tal-awtorizzazzjoni mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li proċeduri ta' ċertifikazzjoni ġodda/addizzjonali mhumiex meħtieġa iżda dawn jistgħu jsiru fil-qafas tal-proċeduri eżistenti għall-approvazzjoni tat-tip (2007/46/EC).

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Id-Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3.

Emenda

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. ***Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tiżgura koerenza mal-atti legali tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip.***

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 6
Id-Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi l-limitu ta' 500 millimetru ġie introdott fl-Artikolu 8(2), mhumiex meħtieġa miżuri ta'

tranżizzjoni.

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' tratturi filwaqt li ***jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, ***u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq.***

Emenda

1. Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' tratturi filwaqt li ***tittejjeb is-sikurezza fit-toroq kif ukoll il-prestazzjoni ajrudinamika*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

– it-tiżiż tas-sikurezza tat-triq u tas-sikurezza fit-trasport ***intermodali***, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li l-forma ta' quddiem tal-kabina

Emenda

– it-tiżiż tas-sikurezza tat-triq u tas-sikurezza fit-trasport ***kombinat***, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li l-forma ta' quddiem tal-kabina

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-terminu "sikurezza" ma jidhirx adattat billi dan normalment jirreferi għall-protezzjoni mir-reati, b'has-serq, it-terroriżmu eċċ. Mhuwiex ċar kif it-tibdil fid-disinn tal-kabina se jagħmel aktar sikur it-trasport tal-merkanzija f'dan ir-rigward.

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) ittejjeb il-viżibbiltà għas-sewwieq tal-utenti vulnerabbli, b'mod partikolari billi tnaqqas ***il-parti*** mhux viżibbli li tkun taħt il-windskrin ta' quddiem

Emenda

(i) ittejjeb ***il-viżjoni diretta sabiex titjeb*** il-viżibbiltà għas-sewwieq tal-utenti vulnerabbli, b'mod partikolari billi tnaqqas ***il-partijiet*** mhux viżibbli li tkun taħt il-windskrin ta' quddiem ***u fil-ġenb tal-kabina;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta ma tipprovdiż ċarezza suffiċjenti x'hemm bżonn li jsir eżatt biex titjeb is-sikurezza tal-kabina, b'mod speċjali fir-rigward tas-sikurezza tan-nies għaddejjin bil-mixi. Din il-leġiżlazzjoni għandha tipprovdi linji gwida ċari u l-grupp ta' ħidma ta' esperti għandu jgħin lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 2 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) tnaqqas il-ħsarat f'każ ta' ħabta,

Emenda

(ii) tnaqqas il-ħsarat f'każ ta' ħabta ***ma' vetturi oħra u ttejjeb il-prestazzjoni tal-assorbiment tal-enerġija tal-kabini billi titwaxxha sistema tal-immaniġġjar tal-ħbit li tassorbi l-enerġija;***

Ġustifikazzjoni

Il-proposta ma tipprovdiżi ċarezza suffiċjenti x'hemm bżonn li jsir eżatt biex titjeb is-sikurezza tal-kabina, b'mod speċjali fir-rigward tas-sikurezza tan-nies għaddejjin bil-mixi. Din il-leġiżlazzjoni għandha tipprovdi linji gwida ċari u l-grupp ta' ħidma ta' esperti għandu jgħin lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 2 – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) titjeb il-protezzjoni tan-nies għaddejjin bil-mixi permezz ta' aġġustament tad-disinn frontali biex jitnaqqas ir-riskju ta' eċċessi f'każ ta' ħbit ma' utenti vulnerabbli tat-toroq,

Ġustifikazzjoni

Il-proposta ma tipprovdiżi ċarezza suffiċjenti x'hemm bżonn li jsir eżatt biex titjeb is-sikurezza tal-kabina, b'mod speċjali fir-rigward tas-sikurezza tan-nies għaddejjin bil-mixi. Din il-leġiżlazzjoni għandha tipprovdi linji gwida ċari u l-grupp ta' ħidma ta' esperti għandu jgħin lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*l-immaniġġjar tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi fuq l-infrastrutturi u mingħajr ma jiġu imposti l-limiti fuq l-użu tal-vetturi **fit-terminali intermodali,***

*l-immaniġġjar tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi fuq l-infrastrutturi u mingħajr ma jiġu imposti l-limiti fuq l-użu tal-vetturi **fit-trasport kombinat,***

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jeżaminaw il-prestazzjonijiet ajrudinamiċi tad-disinji l-ġodda tal-vetturi bil-mutur u għalhekk jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika l-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 2 ta' hawn fuq. Iċ-ċertifikati tat-test mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn.

Emenda

3. Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jeżaminaw il-prestazzjonijiet ajrudinamiċi **u ta' sikurezza** tad-disinji l-ġodda tal-vetturi bil-mutur **fil-qafas tad-Direttiva 2007/46/KE** u għalhekk jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika l-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 2 ta' hawn fuq. Iċ-ċertifikati tat-test mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li proċeduri ta' ċertifikazzjoni ġodda/addizzjonali mhumiex meħtieġa iżda dawn jistgħu jsiru fil-qafas tal-proċeduri eżistenti għall-approvazzjoni tat-tip (2007/46/EC).

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 9 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Vetturi ġodda N2 u N3 għandhom jużaw kabini ta' tratturi li huma konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 9(2) minn [seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tgħaqqad is-sikurezza mal-prestazzjoni ajrudinamika u għalhekk se tillimita t-titjib tas-sikurezza għat-trakkijiet tal-ġbid twal li huma anqas probabbli li jidħlu fiż-żoni urbani. Madankollu, huwa kruċjali li s-sikurezza għat-trakkijiet kollha titjeb billi 66 % tal-ħbit fatali jinvolvi inċidenti ma' nies għaddejjin bil-mixi u 55 % ma' ċiklisti. Dan jista' jintlaħaq biss billi t-titjib fis-sikurezza jsir obligatorju għat-trakkijiet kollha, inklużi dawk li jiċċirkolaw fiż-żoni urbani. Perjodu ta' tranżizzjoni ta' 7 snin se jipprovdi żmien suffiċjenti lill-industrija biex taġġusta għall-bidliet regolatorji.

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 9

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-piżijiet massimi tal-vetturi **bi propulsjoni ibrida jew bi propulsjoni kompletament elettrika** huma dawk indikati fil-punt **2.3.1** tal-Anness I.

Emenda

Il-piżijiet massimi tal-vetturi **li jaħdmu bi fjuwil alternattiv** huma dawk indikati fil-punt **2.3.4** tal-Anness I.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 9

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-vetturi bi propulsjoni ibrida jew elettrika għandhom, madankollu, jirrispettaw il-limiti indikati fil-punt 3 tal-Anness I: piżijiet massimi awtorizzati għal kull fus.

Emenda

Il-vetturi **li jaħdmu bi fjuwil alternattiv** għandhom, madankollu, jirrispettaw il-limiti indikati fil-punt 3 tal-Anness I: piżijiet massimi awtorizzati għal kull fus.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi 15-il ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw kontenituri jew kaxex skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew tal-iswap body ikun jagħmel parti **mit-trasport intermodali**.

Emenda

Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi 15-il ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw kontenituri jew kaxex skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew tal-iswap body ikun jagħmel parti **minn attività tat-trasport kombinat kif imfisser fl-Artikolu 2**.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-egreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u

Emenda

imħassar

dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni eżistenti ta' "trasport kombinat" għandu jiġi użat fit-test kollu skont id-Direttiva 1992/106, minflok ma jiġi introdott it-terminu ġdid "trasport intermodali". Din id-definizzjoni diġà tistabbilixxi b'mod ċar il-limiti għall-parti tat-trasport tat-triq tal-vjaġġ u din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trasbord jew port fix-xmara. Portijiet b'baħar fond għandhom jiġu konnessi ma' modi sostenibbli ta' trasport aktar milli trasport tal-merkanzija fuq it-triq fit-tul.

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' **sentejn** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn **jistgħu jsiru bl-għajjnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi** abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-

Emenda

2. Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' **ħames snin** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn **il-miżuri għandhom isiru b'sistemi** abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-sistemi awtomatiċi min-naħa tal-Istati Membri, li ma jkunux intużaw ħliel għal

sistemi awtomatiċi min-naħa tal-Istati Membri, li ma jkunux intużaw ħliet għal preselezzjoni u mhux biex jikkarakterizzaw il-ksur, mhijiex obligatorja.

preselezzjoni u mhux biex jikkarakterizzaw il-ksur, mhijiex obligatorja.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Skont il-paragrafu 1, ***l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-fatt li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta'*** vetturi jiġu mgħammra b'taġħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar; mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC¹³ EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906.

¹³ DSRC: Dedicated short Range Communications

Emenda

6. Skont il-paragrafu 1, vetturi ***għodda N2 u N3 għandhom*** jiġu mgħammra b'taġħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar; mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC¹³ EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906. ***L-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli wkoll għas-sewwieq.***

¹³ DSRC: Dedicated short Range Communications

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sensur abbord jidher li huwa l-aktar għodda effettiva biex jipprevjeni l-piż żejjed u għalhekk għandu jsir obligatorju. Stazzjonijiet tal-piż f'qagħda ta' ċaqliq stabbiliti fl-infrastruttura tat-triq huma anqas effettivi billi l-post taġħhom jista' jiġi magħruf u jistgħu jiġu evitati. Barra minn hekk, taġħmir abbord jipprovdi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi.

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Piż żejjed li jkun inqas minn 5 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 jippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni;

Emenda

2. Piż żejjed li jkun inqas minn 2 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 jippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal vettura ta' 40 tunnellata, piż żejjed ta' 5 % jammonta għal 2 tunnellati, li huwa piż żejjed sinifikanti. Ir-rapporteur hu tal-fehma li għandha tingħata anqas tolleranza u ppropona tolleranza massima ta' 2 %.

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Piż żejjed ta' bejn 5 u 10 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur minuri skont it-tifsira ta' din id-Direttiva u jwassal għal sanzjoni finanzjarja. L-awtoritajiet tal-kontroll jistgħu wkoll iwaqqfu l-vettura sabiex tinħatt sakemm din tilħaq il-piż massimu awtorizzat;

Emenda

3. Piż żejjed ta' bejn 2 u 10 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur minuri skont it-tifsira ta' din id-Direttiva u jwassal għal sanzjoni finanzjarja. L-awtoritajiet tal-kontroll jistgħu wkoll iwaqqfu l-vettura sabiex tinħatt sakemm din tilħaq il-piż massimu awtorizzat.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Tul żejjed jew wisa' żejda ta' anqas minn **2** % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 tippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni.

Emenda

6. Tul żejjed jew wisa' żejda ta' anqas minn **1** % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 tippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dimensjonijiet esterni tat-trakkijiet huma maħdumin sal-anqas millimetru, għalhekk ġeneralment il-vettura ma tvarjax minn dawn id-dimensjonijiet. F'każ ta' piż li jeċċedi d-dimensjonijiet tat-trakk, jeħtieġ li jinkiseb permess speċjali. Bi kwalunkwe mod, id-devjazzjonijiet tollerati għandhom ikunu żgħar kemm jista' jkun, għalhekk m'għandu jkun hemm kważi xejn.

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Tul żejjed jew wisa' żejda ta' bejn **2** sa **20** % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1, kemm jekk tal-piż imbarkat jew tal-vettura innifisha, iwasslu għal sanzjoni finanzjarja. L-awtoritajiet tal-kontroll iwaqqfu l-vettura sakemm tinħatt jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija, jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport, skont l-Artikolu 4(3);

Emenda

7. Tul żejjed jew wisa' żejda ta' bejn **1** sa **10** % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1, kemm jekk tal-piż imbarkat jew tal-vettura innifisha, iwasslu għal sanzjoni finanzjarja. L-awtoritajiet tal-kontroll iwaqqfu l-vettura sakemm tinħatt jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija, jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport, skont l-Artikolu 4(3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dimensjonijiet esterni tat-trakkijiet huma maħdumin sal-anqas millimetru, għalhekk ġeneralment il-vettura ma tvarjax minn dawn id-dimensjonijiet. F'każ ta' piż li jeċċedi d-dimensjonijiet tat-trakk, jeħtieġ li jinkiseb permess speċjali. Bi kwalunkwe mod, id-devjazzjonijiet tollerati għandhom ikunu żgħar kemm jista' jkun, għalhekk m'għandu jkun hemm kważi xejn.

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Id-Direttiva 95/53/KE

L-Artikolu 13 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Tul żejjed jew wisa' żejda tat-tagħbija jew tal-vettura ta' aktar minn **20** % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 huma meqjusa bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal sanzjonijiet finanzjarji u għaż-żamma immedjata tal-vettura min-naħa tal-awtoritajiet tal-kontroll, sakemm tinħatt il-vettura jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 4(3) jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija. Għandha tiġi implimentata l-proċedura tat-telf ta' rispettabbiltà tal-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1071/2009.

Emenda

8. Tul żejjed jew wisa' żejda tat-tagħbija jew tal-vettura ta' aktar minn **10** % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 huma meqjusa bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal sanzjonijiet finanzjarji u għaż-żamma immedjata tal-vettura min-naħa tal-awtoritajiet tal-kontroll, sakemm tinħatt il-vettura jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 4(3) jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija. Għandha tiġi implimentata l-proċedura tat-telf ta' rispettabbiltà tal-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1071/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dimensjonijiet esterni tat-trakkijiet huma maħdumin sal-anqas millimetru, għalhekk ġeneralment il-vettura ma tvarjax minn dawn id-dimensjonijiet. F'każ ta' piż li jeċċedi d-dimensjonijiet tat-trakk, jeħtieġ li jinkiseb permess speċjali. Bi kwalunkwe mod, id-devjazzjonijiet tollerati għandhom ikunu żgħar kemm jista' jkun, għalhekk m'għandu jkun hemm kważi xejn.

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 13

Id-Direttiva 95/53/KE

Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni

Għat-trasport tal-kontejners, il-burdnar jagħti lit-trasportatur tat-triq, fdat bit-trasport tal-kontejner min-naħa tal-burdnar, dikjarazzjoni li tindika l-piż tal-kontejner ittrasportat. Il-burdnar ikun responsabbli f'każ li *din* l-informazzjoni tkun nieqsa jew żbaljata, u t-trasportatur huwa responsabbli f'każ ta' tagħbija żejda tal-vettura.

Emenda

Għat-trasport tal-kontejners, il-burdnar jagħti lit-trasportatur tat-triq, fdat bit-trasport tal-kontejner min-naħa tal-burdnar **qabel it-tagħbija**, dikjarazzjoni **bil-miktub** li tindika l-piż **gross** tal-kontejner ittrasportat. ***Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi ppreżentata b'mezzi elettroniċi.*** ***Irrispettivament mill-forma tagħha, id-dokument li jiddikjara l-piż gross tal-kontejner għandu jiġi ffirmat minn persuna awtorizzata kif suppost mill-burdnar.*** Il-burdnar ikun responsabbli f'każ li l-informazzjoni ***dwar il-piż gross tal-kontejner*** tkun nieqsa jew żbaljata, u t-trasportatur huwa responsabbli f'każ ta' tagħbija żejda tal-vettura.

Fl-attivitajiet tat-trasport kombinat, l-informazzjoni dwar il-piż gross ta' kontejner ippakkjat għandha tingħata lill-parti li jmiss li se tieħu l-kustodja tal-kontejner.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-20 ta' Settembru 2013, is-Sottokomitat tal-OMI dwar Oġġetti Perikolużi, Merkanzija Solida u Kontejners (DSC) qabel għal reviżjoni fil-konvenzjoni SOLAS sabiex tagħmel obligatorja verifika tal-massa grossa tal-kontejners qabel ma jiġu mbarkati fil-bastiment. Sabiex jiġi stabbilit approċċ uniformi fil-modi kollha tat-trasport u jiġu evitati dispożizzjonijiet kontradittorji possibbli, wieħed għandu jqis l-iżviluppi fl-OMI meta ssir l-emenda ta' din id-direttiva.

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 15

Id-Direttiva 96/53/KE
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemija fl-Artikolu 8(4), fl-Artikolu 9(5) u fl-Artikolu 12(7) tingħata lill-Kummissjoni għal tul *indeterminat ta' żmien* li jibda *mill-[data* tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda

2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemija fl-Artikolu 8(4), fl-Artikolu 9(5) u fl-Artikolu 12(7) tingħata lill-Kummissjoni għal tul ta' *ħames snin* li jibda *[mid-data* tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. *Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*

Or. en

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 16 – punt c (ġdid)
Id-Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.3.1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

"Vetturi bil-mutur b'żewġ fusijiet li mhumiex xarabank u bi propulsjoni ibrida jew elettrika: 19-il tunnellata"

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 16 – punt ca (ġdid)
Id-Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.3.4 (ġdid)

(ca) Għandu jiżdied il-punt li ġejj:

"2.3.4 Vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv: il-piż massimu huwa dak imsemmi f'punti 2.3.1, 2.3.2 jew 2.3.3 miżjud bil-piż addizzjonali meħtieġ għall-mod alternattiv ta' propulsjoni, sa massimu ta' tunnellata. Dak il-piż addizzjonali għandu jiġi indikat fid-dokumenti ta' reġistrazzjoni uffiċjali tal-vettura bil-mutur maħruġa mill-Istat Membru fejn il-vettura hija rreġistrata. F'każijiet fejn din l-informazzjoni hija nieqsa, iċ-ċifri msemmija fil-punti 2.3.1., 2.3.2 jew 2.3.3 għandhom japplikaw."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Motorizzazzjoni alternattiva għandha tiġi ttrattata bl-istess mod irrispettivament mit-teknoloġija użata. Madankollu, il-piż ta' tipi differenti ta' motorizzazzjoni alternattiva jvarja, skont it-teknoloġija użata. Jekk hemm limitu wieħed tal-piżijiet għat-tipi kollha ta' motorizzazzjoni alternattiva, il-kombinazzjoni tal-vetturi b'motorizzazzjoni eħfef, jistgħu jużaw aktar piż għat-tagħbija. Għalhekk għandhom jiġu evitati sitwazzjonijiet li tip wieħed ta' motorizzazzjoni alternattiva jiggwadanja vantaġġ kompetittiv fuq l-oħrajn.